MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 13/2010

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 13/2010**

**Illum, 27 ta' Ottubru 2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Mario Apap ta' 37 sena bin Felix u Maria nee' Micallef imwieled Rabat (Ghawdex) nhar it-02 ta' Awwissu 1972, residenti il-fond numru Goia, Triq is-Sarg,**

**Kercem, detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 18572(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Mario Apap li gie akkuzat talli:

a. f’dawn il-Gzejjer nhar id-09 ta’ Ottubru 2009 ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofs in-nhar (14:00hrs) gewwa l-Iskola Ninu Cremona, Rabat (Ghawdex) gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Antoinette Spiteri b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghall-istess Antoinette Spiteri.
b. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Antoinette Spiteri, weggaghha u bi kliem.
c. U fl-ahhar talli ghamel lil Antoinette Spiteri ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-parti leza Antoinette Spiteri ressqet il-kwerela taghha lill-pulizija sabiex jinizjaw proceduri penali fil-konfront ta’ kollega taghha fuq il-post tax-xoghol u cioe’ l-imputat. L-imputat, abbazi ta’ dina l-kwerela, gie akkuzat bl-imputazzjonijiet indikati fl-akkuza b’mod ewlieni ir-reat tal-fastidju jew ’l hekk imsejjah *harassement*.

Jidher illi dana l-kaz ghandu bhala l-bazi tieghu incident wiehed fejn inqala’ divverbju bejn Spiteri u l-imputat u dana minhabba dak li jista’ jigi deskritt bhala *misunderstanding* bejniethom. Illi f’dik il-ghodwa l-imputat kien dahal ikellem lis-surmast Dr. Frank Galea fejn infurmah illi Spiteri kienet qed tallega ma’ xi ghalliema

ohra illi hu kien irrapurtaha fuq xi incident li kien inqala' ma' xi studenti. Illi f'dak il-hin is-surmast ghalhekk iddecieda illi hu flimkien mal-imputat kellhom imorru ikellmu lil Spiteri sabiex jikkjarifikaw dana l-*misunderstanding*. Dana sehh fil-hin meta Spiteri kienet qed taghti xi lezzjoni tal-arti lill-istudenti taghha. Fil-fatt is-surmast interrompa dina l-lezzjoni u wara li qal xi kelmtejn lill-istudenti, sejjah lil Spiteri barra mill-klassi sabiex ikellimha. Hekk kif Spiteri harget mill-klassi hija sabet lill-imputat hemmhekk ukoll. Is-surmast beda jkellem lil Spiteri sabiex jikkjarifika l-fatt illi Apap qatt ma kien irrapurtaha. Hawnhekk jidher illi beda l-argument bejn l-imputat u Spiteri fejn Spiteri akkuzat lil Apap li kien serqilha xi certifikat li jinghata lill-ghalliema tal-guidance. L-imputat hawnhekk iktar hassu urtat ghal dana l-fatt u beda jinnega illi kien serqilha xi certifikat. Baqa' jsostni illi c-certifikat kien intilef u hu qatt ma serqu. Beda jhedded lil Spiteri illi kien ser imur ghand il-pulizija jaghmlilha rapport dwar dana. Minn hawn jidher illi l-argument kompla jishon tant illi kien hemm xi ghalliema fil-klassi vicina illi semghu dana l-ghajjat u hargu jaraw x'kien qed jigri, izda hadd minnhom ma ndahal. Is-surmast minn naha tieghu beda jipprova ighidlhom biex jieqfu. F'xi hin jidher illi nfagar xi tifel u hargu xi ghalliema jassistuh u hawnhekk Spiteri marret lejn it-toilet ghax tallega illi minhabba l-argument kien ser jaghtiha hass hazin. Spiteri tallega illi l-imputat beda jghajjat hafna maghha tant illi hija hassitha mbezza' u anke umiljata. Tghid illi hija baqghet tbati reperkussjonijiet minhabba f'dana l-incident fejn anke bdiet tbati minn ansjeta u sahansitra anke giet trasferita minn fuq il-post tax-xoghol.

Jidher madanakollu illi sal-jum meta nqala' dana l-incident ma kienx hemm problemi jew inkwiet bejn dawn it-tnejn minn nies li kienu jahdmu bhala guidance teachers gewwa l-iskola Ninu Cremona tar-Rabat, Ghawdex.

Spiteri tghid: "… dejjem hdimna sew flimkien."[1]In kontro-ezami mbaghad issostni: "qabel dana l-incident jiena kelli relazzjoni tajba mal-imputat kif ukoll ma' kulhadd inkluz

[1] Ara xhieda ta' Antoinette Spiteri a fol.12

mas-surmast u ghalhekk ixxukjajt ruhi meta sehh dana l-incident."[2] Illi min-naha tieghu l-imputat, meta mistoqsi mill-Qorti stess jekk kinux inqalghu xi incidenti ohra ma' Spiteri, iwiegeb: "Jiena la ma' Ms. Antoinette Spiteri qatt ma kelli incidenti u lanqas ma' hadd – ma hadd."[3]

Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*harassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
"*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in*

---
[2] Ara xhieda in kontro-ezami a fol.45
[3] Ara xhieda ta'l-imputat a fol.50

*isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u mpoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-provi akkwiziti kif indikat iktar 'il fuq fil-fehma tal-Qorti dak li sehh bejn Spiteri u l-imputat jammonta ghal incident wiehed u jrid jitqies "unico contextu". Ma rrizultatx li kien hemm xi pluralita' ta' incidenti implikati fil-frazi *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza'.(ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). Spiteri stess tghid illi qatt ma kien hemm inkwiet bejnha u bejn l-imputat u minn imkien mill-provi ma jidher illi l-imgieba tal-imputat kienet tali illi kien qed jaghti xi fastidju lill-parti leza. Illi bir-rispett

kollu l-izball ewlieni sar mis-surmast stess illi hass li kellu jaffronta lil dina l-ghalliema waqt il-hin tal-iskola u di piu' billi interrompa lezzjoni li kienet ghaddejja. Dana m'huwiex agir responsabbli u dana peress illi jekk kien hemm xi disgwid bejn zewg ghalliema huwa messu sejjah laqgha fl-ufficcju tieghu fejn kien jigi diskuss dana d-disgwid u mhux jipprova jsolvi dina s-sitwazzjoni fil-kuridur fejn kienu ghaddejjin il-lezzjonijiet u bit-tfal tal-iskola qed jisemghu dak li qed jigri. Dana l-incident seta' fácilment jigi evitat b'naqra buon sens min-naha ta' kulhadd. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dan ir-reat  ma jirrizultax ippruvat ghax ma rrizultawx pluralita' ta' incidenti li huma element kostituttiv tar-reat.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat tal-ingurja a tenur tal-artikolu 252 tal-Kapitolu 9. Illi mix-xhieda tal-parti leza ma huwiex car x'kien il-kliem ingurjuz illi l-imputat uza fil-konfront taghha. Hija tallega illi huwa beda jghajjat maghha ghajjat esagerat u jheddidha li kien ser igibilha l-pulizija jekk hija kienet ser tibqa ssostni illi kien serqilha c-certifikat. Minn imkien ma jidher illi huwa uza xi kliem ingurjuz fil-konfront taghha jew ghal tal-inqas hija qatt ma tindika xi kliem ingurjuz illi huwa indirizza fil-konfront taghha. Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument dina l-Qorti kellha tqis il-kliem li ssemmi Spiteri bhala kliem ingurjuz jew ta' theddid xorta wahda dina l-akkuza li taqa' taht dak dispost fl-artikolu 252(2) hija preskritta bid-dekors ta' tlett xhur kif previst fl-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi testwalment: "*l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tliet xhur ghall-kontravvenzjonijiet, u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet*." Illi minn qari tal-akkuza jirrizulta illi l-incident sehh fid-09 ta' Ottubru 2009. Illi l-akkuza giet ipprezentata fit-12 ta' Jannar 2010 u ghalhekk certament wara t-tlett xhur minn meta sehh l-allegat reat. L-istess jista' jinghad ghar-rigward tal-ahhar akkuza li hija akkuza kontravenzjonali kif previst l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9.

Ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza u tiddikjara t-tieni u t-tielet akkuzi preskritti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------